# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 5**

**Rikors numru 52/14 JVC**

**Linda Cassar**

**v.**

**Zachary Cassar**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Zachary Cassar mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-22 ta' Settembru 2015 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata,

tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-attriċi appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:-
>
> "1. Illi l-attrici ghandha fil-pussess taghha l-garaxx li jinsab fil-basement level sottostanti l-fond residenzjali taghha bl-isem 'Melodija', Triq ta' Dun Luqa, Sannat, Ghawdex;
>
> "2. Illi fil-gurnata tal-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghall-habta tas-siegha l-intimat qala' l-bieb tal-faccata tal-imsemmi garaxx kif ukoll il-bieb u t-tieqa li jinsabu fin-naha ta' wara tal-istess garaxx u li jaghtu ghall-bitha retrostanti l-istess garaxx kif ukoll qata' l-hbula tal-inxir li kienu jinsabu fl-imsemmi garaxx kif ukoll kisser bicca mir-rampa li qeghdha fl-istess garaxx;
>
> "3. Illi in oltre l-konvenut qed jostakola l-imsemmi garaxx biex hi ma jkollhiex access ghalih a dan ghall-kontrarju ta' dak kollu li ftehmu dwaru l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom tas-7 ta' April 2011;
>
> "4. Illi dawn l-atti kommessi da parti tal-konvenut fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn erbatax (2014) jikkostitwixxu spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attrici;
>
> "5. Illi l-attrici ndunat b'dan l-agir spoljattiv tal-konvenut peress li tirresjedi fuq il-garaxx in kwistjoni;
>
> "6. Illi konsegwentement l-attrici ghamlet kwerela lill-pulizija li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B' u nterpellat lill-konvenut iregga kollox lura ghall-istat pristinu tieghu permezz ta' ittra ufficjali nru 280/2014 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A';
>
> "Talbet li din il-Qorti:
>
> "1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin meta fl-20 ta' Mejju 2014 huwa personalment jew permezz ta' terzi qala' l-bieb tal-faccata tal-basement garaxx kif ukoll il-bieb u t-tieqa li jinsabu fin-naha ta' wara tal-istess garaxx u li jaghtu ghall-bitha retrostanti l-istess garaxx u kif ukoll qata' l-hbula tal-inxir li kienu jinsabu fl-

imsemmi garaxx li jinsab sottostanti r-residenza tal-attrici kif ukoll li kisser ir-rampa li hemm gewwa l-garaxx;

“2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jregga’ kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel il-kommissjoni ta’ dan l-ispoll;

“3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel hija dawk ix-xoghlijiet necessarji a spejjez tal-konvenut.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali nru 280/2014 datat 8 ta’ Gunju 2014 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

“Bir-rizerva ta’ kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra l-istess konvenut.

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut fejn ikkonferma:-

“1. Illi ma jissussistux l-elementi kollha kostituttivi tal-ispoll;

“2. Illi fi kwalunkwe kaz m’hemmx l-estremi tal-kawza tal-ispoll;

“3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra fuq imsemmija, l-agir tal-eccipjenti kien gustifikat;

“4. Illi l-eccipjenti rreagixxa tempestivament in forza tal-principju *vim vi repellere licet.*

“5. Illi ghalhekk it-talba tal-attrici hija nfondata u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez;

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, dokumenti, ritratti u l-atti kollha tal-kawza;

“Accediet fuq il-post nhar is-6 ta’ Mejju, 2015;

“Rat illi fl-istess verbal tas-6 ta’ Mejju, 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

“Rat l-atti kollha.

“**<u>Ikkunsidrat</u>**

“Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li din hija kawza ta’ spoll u ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha biss ghall-fatti li huma rilevanti ghall-allegazzjoni tal-ispoll u xejn aktar.

"Bhala fatti jirrizulta li qabel id-data tal-20 ta' Mejju, 2014 il-partijiet kienu mizzewgin u sseparaw lura f'April, tas-sena 2011. Sa minn dak iz-zmien l-attrici baqghet fil-pussess tal-garaxx fil-livell ta' 'basement' liema garaxx jinsab taht il-fond residenzjali bl-isem 'Melodija', Triq ta' Dun Luqa, Sannat, Ghawdex u kienet taghmel uzu mill-istess garaxx tant illi sa dik id-data hija biss kellha c-cavetta tal-garaxx in kwistjoni. Jirrizulta li dak in-nhar stess tal-20 ta' Mejju, 2014 il-partijiet kellhom xi seduta l-Qorti u l-konvenut ried lill-attrici sabiex tiftahlu l-imsemmi garaxx. L-attrici fethet il-garaxx sabiex il-konvenut ikun jista' jaccedi. Il-konvenut fil-fatt acceda mis-1.00p.m. 'il hemm u mhux kontestat li sa minn dak il-hin huwa qala' l-bieb tal-faccata tal-imsemmi garaxx, il-bieb u t-tieqa li kienu jinsabu fuq in-naha ta' wara tal-istess u qata' l-hbula tal-inxir li kienu fl-istess garaxx u dahhal diversi xkaffar fil-garaxx. L-attrici ssostni wkoll li kisser parti mir-rampa. Sa minn dak in-nhar l-attrici ssostni wkoll li l-konvenut beda jipparkja l-vetturi tieghu fir-rampa tal-garaxx u quddiem it-tarag li jwassal ghar-residenza taghha b'dana li qed jostakola l-uzu tal-garaxx u r-rampa in kwistjoni u sahansitra l-access ghar-residenza taghha. Dan kollu kkonstatu l-Qorti fl-access li hija ghamlet nhar is-6 ta' Mejju, 2015 fejn dak in-nhar ukoll il-Qorti u l-Avukati kellhom diffikulta sabiex jaccedu kemm ghat-tarag li jwassal ghar-residenza tal-attrici kif ukoll sabiex jaccedu mid-drive-in li twassal ghall-garaxx in kwistjoni. Il-Qorti wkoll ikkonstatat it-tnehhija tal-bieb tal-garaxx, tal-aluminium ta' fuq wara, tal-hbula kif ukoll rat il-bosta xkaffar li jasal sas-saqaf tal-garaxx u li jhalli biss ftit passagg bejn xkaffa u ohra sabiex wiehed semplicement jaccedi fuq wara lejn il-bitha.

"Mhux kontestat li sa dak in-nhar il-garaxx in kwistjoni kien sar proprjeta' tal-konvenut salv id-drittijiet riservati favur l-attrici kif rizultanti mill-kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' April, 2011 u kuntratt ta' donazzjoni bl-istess data.

"Filwaqt li l-attrici ssostni li hija giet spoljata bl-agir tal-konvenut, il-konvenut isostni li ma jissussistux l-elementi ta' spoll, li m'hemmx l-estremi tal-kawza ta' spoll, li huwa rreagixxa in forza tal-principju *vim vi repllere licet* u li l-agir tieghu kien gustifikat.

"**Bazi legali:**

"Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

> "*"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f' dak il-pussess jew f' dik id-detenzjoni, kif jinghad fl- rtikolu tal- odi i ta' Organizzazzjoni u ro edura ivili."*

"Is-sub-artikolu 535 (2) jkompli jghid:

"*'Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata' spoll.'*

"Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u li dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

"Illi l-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

"Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

"*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jez ercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

"Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa:

"*"qualunque atto arbitrario he per forza privata si ompia ontro la volontarieta' dello spogliato".* (Vol III Sez. 52).

"Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

"*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' so jali milli fuq il-prin ipju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

"Illi kif ukoll gie ritenut:

"*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma*

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Fran izi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna'* (Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Fil-kawza fl-ismijiet Mariano Farrugia et noe vs. Peter Paul Cutajar (deciza 23 ta' Ottubru, 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) jinghad:

"*'Din l-azzjoni ta' spoll hija kon epita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddistrubaha u daqshekk biss.'*

"Jinghad ukoll illi *'l-ispoljant ma jistax jirrispondi in difesa' li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita hija riservata ghall-gudizzju pettitorju. L-uniku mod li tista tigi kkunsidrata eccezzjoni, huwa biss wara li l-ispoll jigi reintegrat 'spolitus ante omnis restituendus.'*[2]

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

"'A*ll'attore in reintegrazione e' suffi iente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..**'[3]

"Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[4]'*:*

"Spoll vjolent u abbusiv:

"*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[5]

"u

"*'nean he e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no per he' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[6]

"Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.7[7]

"Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Carbonaro vs. Norman Dimech (deciza fit-12 ta' Lulju, 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) inghad kif isegwi:

---

[2] Ara *Delia vs. Schembri, PA.04/02/1958*
[3] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882*
[4] *Ara Vol.XXXVII.I.280*
[5] *Ara Vol.XLI.II.1133*
[6] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*
[7] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

"*'Illi ghalkemm dwar l-ewwel element, il-pussess li huwa mehtieg li jintwera li, filwaqt li sar l-ghemil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materajli ta' fatt. L-attur m'ghandux bzonn li jaghti prova li ghandu dritt ta' proprjeta' jew servitu', jew titolu iehor fuq il-haga. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li huwa spoljat ghandu semplici detenzjoni ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun ekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt u mhux wiehed ta' mera tolleranza.'*

"Fil-kawza fl-ismijiet Annetto Xuereb Montebello et vs. Paolina Magri et.[8] inghad illi:

"*'L-atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fundament ghall-akkwist tal-pussess.'*

"Dwar l-element tal-'*ispoliatum fuisse'* jinghad illi:

"*'Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkommetti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi.'*[9]

"Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Scerri vs. Spiridione Falzon deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Jannar, 1958 inghad kif isegwi:

"*'Spoll vjolent huwa kwalsiasi att arbtirarju li jsir bil-forza privae kontra l-volonta' ta' l-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anke meta jigi kompjut arbtirarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.'* 8

"Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

"*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie de iz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

"Il-Prim' Awla tal-Qorti ivili (Imh. N. uschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

"*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

---

[8] Kollezz. VOL XXXVII.i.280 19/06/1953.
[9] Ara *Joseph Baldacchini vs. Emanuel Falzon Fava, 22/04/1998.*

"Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol assar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

"*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. rova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.*

"**Mertu**

"Illi dwar l-element tal-*infra bimestre deduxisse* l-Qorti tqis li dan jista' jigi sorvolat facilment. L-agir ilmentat mill-attrici sehh fl-20 ta' Mejju, 2014 u ma jidhirx li dan huwa kontestat mill-konvenut. Apparti minn hekk din id-data hija konfermata fil-provi mill-fatt li dak in-nhar stess il-partijiet kellhom seduti l-Qorti u dak li sehh gara wara l-istess seduti. Fl-atti wkoll gie esebit ir-rapport li sar mal-Pulizija u li jevidenzja din id-data (fol. 91) kif ukoll giet esebita kopja tal-kwerela (fol. 6) li saret fuq talba tal-Pulizija dwar l-istess incident. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-allegat spoll sehh nhar l-20 ta' Mejju, 2014. Ir-rikors guramentat gie prezentat nhar it-18 ta' Lulju, 2014 u ghalhekk entro t-terminu ta' xahrejn dekadenza mpost fil-ligi. Ghalhekk jirrizulta li l-element tal-*'infra bimestre deduxisse'* huwa sodisfatt.

"Dwar l-element tal-*possedisse* jirrizulta sodisfacjentement pruvat lil din il-Qorti li sa dak in-nhar tal-20 ta' Mejju, 2014 l-attrici kienet l-uniku persuna li kellha fil-pussess taghha c-cwievet tal-garaxx fil-livell ta' 'basement' li jinsab taht ir-residenza taghha li ggib l-indirizz 'Melodija', Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex. Jirrizulta mill-provi li sa dik il-gurnata l-attrici kellha l-uzu liberu u ampju tar-rampa quddiem il-garaxx, tal-bieb tal-hadid li kien jaghlaq l-istess garaxx u li c-cavetta tieghu li kienet appuntu fil-pussess taghha, tal-istess garaxx fejn kienet anki tipparkja l-karozza taghha, tat-twieqi u bieb tal-*aluminium* li kien hemm fuq wara tal-garaxx kif ukoll tal-hbula tal-inxir li kien hemm imwahhla fuq wara tal-istess garaxx:

"L-attrici a fol. 21 tal-process tixhed kif isegwi:

"*'Nispjega illi l-istat tal-garaxx li jien ghandi l-pussess u c-cwievet tieghu kien il-post fejn kont nghix jien fiz-zmien tas-separazzjoni u f'dawk it-tmien xhur ta' wara. Jigifieri dan il-garaxx fiz-zmien tal-kuntratti kellu toilet u shower, u bank bi tliet cupboards u sink li kien iservi bhala kcina. Dan kont ippreparajt kollox bil-lest qabel ma iffirmajna. Il-garaxx kellu t-twieqi, il-bibien tal-aluminium u l-bieb ta' quddiem kien bil-hadid iggalvanizzat. Dawn kienu ilhom hemm mis- 3. F'dan il-garaxx ghandi l-kaxxa tad-dawl tal-elettriku tal-meter tal-ilma li jservi ghall-post kollu. Il-bibien kollha kienu jissakkru bic-cavetta li kelli*

*jien biss, u t-twieqi kienu jissakkru minnhom, u ioe' minghajr il-htiega ta' avetta.'*

"Illi dwar f'hiex kien jikkonsisti ezatt l-ispoll l-attrici tixhed kif isegwi:

"*'Nghid illi l-ispoll sehh fl-20 ta' Mejju 20 4 u fil-granet ta' wara. L-ispoll kien jikkonsisti billi nehha l-aperturi u bibien kollha tal-garaxx, dahhal xkaffar u ngombra totalment l-istess garaxx, qala' il-parti t'isfel tar-rampa kif spjegajt aktar 'il fuq u qed iqieghed l-vetturi mal-post tieghi biex lili jzommni milli nidhol kemm gol-garaxx kif ukoll go dari minghajr xkiel. Il-bibien u l-aperturi rajtu jien jghabbihom fuq it-trakk tieghu. L-ixkaffar rajtu jien inehhihom mal-persuna l-ohra minn gol-garaxx l-iehor u jqeghdhom fil-garaxx mertu tal-kawza, u l-vetturi tieghu narah jipparkjahom hu ta' kuljum. Dan ghalija huwa spoll ghaliex qed icahhadni mill-pussess u mill-godiment ta' hwejgi. Dan qed jaghmlu minghajr il-kunsens tieghi u anzi bl-iskop li lili jivvessani u jdejjaqni. Dejjem jghid li hu jrid jaghmilli hajt infern u dan huwa mod ta' kif irid jaghmel hekk.'*

"Ir-ritratti a fol. 34 sa 40 tal-process jevidenzjaw l-verzjoni tal-attrici. Ix-xhieda Margaret Cassar a fol. 41 u Magdi Salib a fol. 43 it-tnejn jikkorroboraw il-verzjoni tal-attrici. Kif gia nghad il-Qorti setghet tivverifika dan kollu meta marret fuq il-post nhar is-6 ta' Mejju, 2015 fejn sahansitra kien hemm dak il-hin vettura tal-konvenut fuq il-post tingombra r-rampa u t-tarag tal-attrici.

"Mill-atti ma hemmx dubju li l-atti spoljattivi ghamilhom il-konvenut tant li jammetti dan hu stess fix-xhieda tieghu:

"*'Avukat: ra nghidx sew illi inti qatt ma kkontestajt, lanqas mal-pulizija illi l-bieb tal-garaxx u l-apertura l-ohra inti qlajthom.*

"*Xhud: Mhux tieghi.' (Xhieda Za hary assar fol. 5)*

"Ghalkemm l-attrici fethet il-bieb tal-garaxx sabiex jaccedi l-konvenut b'mod volontarju b'dan kollu ma kienx ifisser li hija kienet qed taghti l-kunsens lill-konvenut sabiex jaqleb il-garaxx ta' taht fuq u jaghmel dak kollu li ghamel tant illi l-istess konvenut jammetti fix-xhieda tieghu li huwa dan kollu ghamlu minghajr ma qabel talab il-kunsens lill-attrici kif kwotat aktar 'il isfel.

"Illi dwar l-element tal-'*animus spoliandi'* l-intenzjonijiet tal-konvenut hargu cari mill-assjem tal-provi quddiem din il-Qorti fosthom a fol. 21 tal-process fejn l-attrici tixhed illi waqt is-seduta li sehhet fil-Qorti dak in-nhar stess tal-allegat spoll il-konvenut:

"*'rama jghajjat li ser jiehu l-ligi b'idejh ghaliex hu irid i - avetta f'idejh u jcahhadni mill-uzu u godiment tal-garaxx kif hemm fil-kuntratti.'*

"Dan huwa konfermat ukoll mill-Avukat Dr. Jean Paul Grech li xehed f'dawn il-proceduri a fol. 46 et seq tal-process fejn jikkonferma kif isegwi:

"' . . . u mbaghad kif hrigna mill-awla qalilha lil Linda Cassar, qalilha l-lejla qis li tiftahli l-bieb tal-garaxx ghaliex inkella niehu l-ligi b'idejja jew nifthu jiena, xi haga f'dak is-sens insomma.'

"Illi l-konvenut jammetti li kien hu li kkometta l-att ta' spoll u l-intenzjoni wara l-istess agir. Fl-affidavit tieghu a fol. 113 il-konvenut ukoll jghid car u tond illi huwa agixxa kif agixxa ghar–ragunijiet segwenti:

"*'Jiena qlajt dawn il-bibien billi l-attrici kienet qed tfixkilni fl-uzu li ghandi tal-garage l-ghaliex ma kinitx qed izommu mhux imsakkar u ghal xejn b'xejn kienet qed tirrifjuta l-kunsens taghha biex jiena nidhol fih meta ghandi dan id-dritt bil-kuntratt.'*

"u jkompli jghid li skont hu:

"*'Sakemm jghaddu l-hames snin l-attrici m'ghandhiex dritt li tpoggi l-karozza taghha f'dan il-garage.'*

"Huma x'inhuma d-drittijiet tal-attrici fuq il-garaxx in kwistjoni ai termini tal-kuntratti u li mhux kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi dwarhom f'dawn l-atti, jirrizulta car li qabel l-azzjonijiet tal-konvenut dak in-nhar tal-20 ta' Mejju, 2014 l-attrici kienet tuza' liberament dan il-garaxx sabiex taghlaq il-vettura taghha fih minghajr problemi u wara l-azzjonijiet tal-konvenut dan ma setghetx tibqa' taghmlu. Huwa car li l-konvenut ghazel li flok jirrikorri ghall-Qorti u jekk ghandu xi drittijiet dawn jigu konfermati mill-Qorti, fi kliemu stess, ha l-ligi f'idejh, izda b'dan il-mod illeda bi shih id-drittijiet ta' pussess li sa dak in-nhar kienet tgawdi l-attrici.

"Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jibbaza bi shih fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-kuntratti tas-7 ta' April, 2011, cioe' s-separazzjoni ta' bejniethom kif ukoll il-kuntratt ta' donazzjoni li sar mill-partijiet tal-garaxxijiet lil binhom b'riserva ta' certu drittijiet. Izda kif inghad aktar 'il fuq fil-gurisprudenza mhux kompitu ta' din il-Qorti fl-atti ta' din il-kawza li tissindaka d-drittijiet petitorji tal-partijiet u ghalhekk tali sottomissjonijiet huma lkoll irrilevanti ghall-konkluzjoni ta' din il-kawza li hija mera kawza ta' spoll. Il-konvent isostni wkoll li dak in-nhar tal-allegat spoll huwa kien is-sid tal-garaxx in kwistjoni u dak li ghamel hu kien fil-limiti tad-drittijiet tieghu bhala sid. Dan, ghall- fini tal-artikolu 534 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux minnu stante li evidentement l-azzjonijiet tal-konvenut illedew il-pussess liberu li l-attrici kellha ghall-istess garaxx sa dak in-nhar u l-uzu tieghu kif kien cioe' bl-aperturi u l-bieb imwahhal sabiex b'hekk hija setghet iddahhal,tipparkja, taghlaq il-karozza u terga' tohrog il-vettura mill-garaxx b'mod liberu kif jirrizulta li hija kienet ghadha kif ghamlet:

"*' . . . imma ta' isfel hi kellha avetta ghax jiena filghodu hi twassalni sax-xatt ghax-xoghol u tigi tpoggi l-karozza taghha normali...'* (ara l-kontro-ezami ta' Magdi Salib a fol. 140 tal-process).

"Ix-xhud Margaret Cassar fil-kontro-ezami tispjega kif wara l-atti tal-konvenut tal-20 ta' Mejju, 2014 l-attrici ghalkemm verament tista' tidhol fil-garaxx ghaliex lanqas ghandu bieb (kif ghamlet il-Qorti waqt l-access), la tista' tipparkja l-vettura taghha fid-'drive-in' ghaliex ikun hemm il-vetturi ta' Zakkarija assar ipparkjati u fi kwalunkwe kaz lanqas tista' ddahhal il-vettura taghha fil-garaxx anki li kieku ma jkunx hemm il-vetturi ta'Zakkarija Cassar minhabba l-ixkaffar li hemm:

"*'Avukat:*
*Sewwa jigifieri meta ghidt inti illi Linda tista' tidhol fil-garaxx. Tidhol b'persunta, ma tistax tidhol bil-karozza hux hekk?*

"*Xhud:*
*Hux bil-karozza. Bil-kemm tidhol, x'karozza karozza sewwa!.' (fol. 36).*

"Ix-xhud Magdi Salib a fol. 146 fil-kontro-ezami tieghu jixhed kif isegwi:

"*'Qorti:*
*Il-karozza tidhol?*

"*Xhud:*
*Le ma tidholx, Ma tidholx ghax ibblokkjata bit-trakk, anki l-antiporta tieghi.'*

"*Il-Qorti:*
*U jekk jitnehha t-trakk, tidhol il-karozza?*

"*Xhud:*
*Ma tidholx ghax ir-rampa qeghdha wieqfa hekk, allura jekk ha tidhol ha tahbat, tista' . .*

"*Qorti:*
*Ma x'hiex tahbat?*

"*Xhud:*
*Mal-ixkaffar faccata ezatt. Kif tispicca r-rampa hemm il-hadid... Le bil-karozza ma tidholx . . . .imma ma tistax iddahhal il-karozza.' (fol. 46 sa 48).*

"Din il-Qorti setghet tivverifika hi stess li certament mhux possibbli li tidhol karrozza fil-garaxx in kwistjoni stante li l-konvenut pogga xkaffar armat fil-wisgha tal-garaxx kollu, kbir mill-art sas-saqaf u jasal sar-rampa tal-istess garaxx. Huwa minnu li kulhadd jista' jidhol liberament jippassigga bejn xkaffa w ohra fil-garaxx izda ma hu possibbli jsir xejn aktar.

"Ikkunsidrat ulterjorment illi l-artikolu 535 (2) huwa car fejn jghid li t-tqeghid mill-gdid fil-pussess jista' jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata' spoll, ghalhekk li semplicement wiehed jeccepixxi li huwa s-sid tal-proprjeta' in kwistjoni mhix bizzejjed biex tezonerah mill-effett tal-ispoll.

"Illi l-konvenut isostni wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-attrici kienet fil-pussess tal-garaxx in kwistjoni b'semplici tolleranza, izda din il-Qorti in vista tal-fatti kollha fl-atti ma tistax taqbel mal-istess sottomissjoni. Minghajr ma tidhol bl-ebda mod fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratti tas-7 ta' April, 2011, il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni a fol. 31 tal-process fejn jinghad illi '*c- avetta ta' dan il-garaxx ghandha tkun biss f'idejn il-mara u r-ragel ghandu jikseb il-kunsens taghha biex ikun jista' jidhol f'dan il-garaxx*.' Il-Qorti nnutat li fil-fatt dan huwa l-kuntest li fih l-attrici dak in-nhar fethet l-access tal-garaxx in kwistjoni ghall-konvenut. Il-partijiet ma jaqblux fuq l-interpretazzjoni ta' din il-klawzola fl-assjem tal-kuntratti u kif inghad mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidhol f'interpretazzjoni tad-drittijiet pettitorji tal-partijiet, izda jirrizulta inkontestat li dak in-nhar tal-ispoll kienet l-attrici li kellha c-cavetta tal-garaxx u li hija ssostni li din kienet ghandha bis-sahha ta' dik il-klawzola, min-naha l-ohra l-konvenut ovvjament ma jaqbilx. Izda in vista ta' dan kollu certament ma jistax jinghad li l-attrici dak in-nhar tal-20 ta' Mejju, 2014 kellha f'idejha c-cwievet tal-garaxx in kwistjoni b'mera tolleranza izda l-animu taghha kien bi dritt u ghalhekk ma jistax f'dan il-kuntest jinghad li l-attrici kienet qed tiddetjeni c-cwievet b'mera tolleranza u li ma setghetx f'dawk ic-cirkustanzi tivvanta drittijiet ta' spoll.

"Ikkunsidrat ulterjorment illi l-konvenut stess jammetti fil-kontro-ezami tieghu li dak kollu li ghamel fil-garaxx nhar l-20 ta' Mejju, 2014 huwa ghamlu minghajr il-kunsens tal-attrici u dan ghaliex skont hu ma kellux ghalfejn:

"*'Avukat:*
*Ara nghidx sew illi kunsens biex taghmel dawn l-affarijiet minghand Linda Cassar ma tlabtx.*

"*Qorti:*
*Iva jew le.*

"*Xhud:*
*Ma nista' nitlob Sinjura Magistrat.*

"*Qorti:*
*Tlabtha kunsens? Iva jew le.*

"*Xhud:*
*Kunsens ghal x'hiex. Mela hwejgi nitlob kunsens lil xi hadd.*

"*Qorti:*
*Le jigifieri ma tlabthiex kunsens.*

"*Xhud:*
*Tlabtha tiftahli imma x'hin rajt il-bieb kollu sadid, minn dak iz-zmien 'il hawn ma mortx . .*

"*Qorti:*
*Tlabtha tiftahlek, kulhadd jaf li tlabtha tiftahlek.*

"*Xhud:*
*Allura.*

"*Qorti:*
*Tlabtha . . Kunsens biex taqla' l-bieb? . . Iva jew le.*

"*Xhud:*
*Ma jidhirlix li ghandi nitlob kunsens.*

"*Qorti:*
*Sur Cassar iva jew le.*

"*Xhud:*
*Ma ghandix dritt nitlobha.*

"*Qorti:*
*Ma tlabthiex.*

"*Xhud:*
*Le u zgur ma tlabthiex. M'ghandix:' (fol 8 u ).*

"Illi l-konvenut f'eccezzjoni minnhom jghid li huwa agixxa bil-mod kif agixxa abbazi tal-principju ***vim vi repellere licet*** li neccessarjament jirrikjedi li l-konvenut ikun irreagixxa ghal xi tip ta' vjolenza ezercitata mill-attrici, izda dan jikkontradixxih il-konvenut stess fix-xhieda tieghu a fol. 96 / 97 tal-process fejn jallega li huwa qala' l-aperturi u l-bieb ghaliex ghandhom il-hsara u mhux ghax l-attrici ghamlet xi atti ta' vjolenza fl-istess garaxx. Ghalhekk tali eccezzjoni ma jisthoqqx li tigi milqugha.

"Illi minn dak kollu suespost u l-assjem tal-provi kollha mressqa fl-atti, il-Qorti tqis li gew sodisfacjentement ippruvati mill-attrici l-elementi kollha sabiex jikkostitwixxu spoll vjolenti u klandestin tad-drittijiet tal-attrici mill-konvenut filwaqt li l-eccezzjonijiet mqajjma mill-konvenut ma ghandhomx bazi legali u fattwali u ghalhekk it-talbiet tal-attrici jisthoqq li jigu milqugha.

"**<u>Decizjoni</u>**

"Ghalqdaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha attrici kif isegwi:

"1. tiddikjara illi l-konvenut Zachary Cassar ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attrici nhar l-20 ta' Mejju, 2014 fir-rampa ta' barra u l-garaxx li twassal ghalih u li jinsab fil-livell tal-'basement' taht il-fond 'Melodija', Triq ta' Dun Luqa, Sannat, Ghawdex u dan billi wettaq l-atti segwenti kif jirrizulta mill-provi:
(a) qala' l-bieb tal-faccata tal-garaxx;
(b) qala' l-*aluminium* ta' fuq wara tal-garaxx li kien jikkonsisti f'tieqa u bieb;

(c) qata' l-hbula tal-inxir li kienu jinsabu fuq wara tal-garaxx;
(d) dahhal xkaffar li ngombra l-garaxx kollu b'tali mod li l-attrici ma tistax iddahhal il-vettura taghha fih;
(e) kisser parti mir-rampa li kienet isservi sabiex il-karozza tal-attrici ma tahbatx hija u diehla;
(f) beda jipparkja l-vetturi tieghu fir-rampa b'tali mod li ghalaq l-access bil-vetturi ghall-istess garaxx kif ukoll qed jaghlaq l-access komdu ghat-tarag tar-residenza tal-attrici li jinsab biswit l-istess garaxx.

"2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni, a spejjez tieghu, iregga' kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel l-ispoll billi:
(a) jerga' jwahhal il-bieb tal-faccata tal-garaxx bis-serratura li ghaliha kellha c-cavetta l-attrici biss u f'kaz li c-cavetta tal-attrici ma tiftahx wara li jitwahhal il-bieb hija awtorizzata minn issa sabiex tbiddel is-serratura tal-istess bieb;
(b) iwahhal l-aluminium ta' fuq wara tal-garaxx li kien jikkonsisti f'tieqa u bieb;
(c) jerga' jwahhal il-hbula tal-inxir li kienu jinsabu fuq wara tal-garaxx;
(d) inehhi l-ixkaffar kollu li dahhal fil-garaxx b'tali mod li l-garaxx jerga' jigi fl-istat vojt li kien qabel l-ispoll;
(e) jirranga r-rampa kif kienet sal-20 ta' Mejju, 2014 b'tali mod li l-karozza tal-attrici ma tahbatx hija u diehla;
(f) inehhi kwalunkwe vettura li hemm ipparkjata fir-rampa tal-garaxx in kwistjoni u quddiem ir-rampa tal-istess garaxx u quddiem it-tarag biswit ir-rampa li jwassal ghar-residenza tal-attrici b'tali mod li jkun hemm access liberu u ampju sabiex tidhol u tohrog vettura mill-istess garaxx minghajr ebda ostaklu u sabiex persuni liberament u minghajr ebda ostaklu jkunu jistghu jaccedu ghat-tarag tar-residenza tal-attrici u jiddesisti milli hu jew persuni mqabbda minnu jergghu jipparkjaw xi vetturi fl-istess rampa, quddiem l-istess rampa u quddiem it-tarag tar-residenza tal-attrici;

"3. Fin-nuqqas li l-konvenut jottempera ruhu mal-ordnijiet ta' din il-Qorti f'paragrafu 2 suespost fit-terminu mpost fuqu, tawtorizza lill-attrici sabiex twettaq ix-xoghlijiet kollha hi sabiex tregga' kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel l-ispoll, inkluz izda mhux limitatament, li taghmel bieb u aperturi simili ghal dawk li kien hemm (ghal dak li huwa ghamla u valur) f'kaz li dawk originali ma jkunux a disposizzjoni taghha u li permezz ta' taghmir apposta u bl-assistenza tal-pulizija jitnehhew il-vetturi tal-konvenut jew li jkun pogga l-konvenut quddiem ir-rampa tal-garaxx in kwistjoni u quddiem it-tarag tar-residenza tal-attrici kif ukoll sabiex jitnehha l-ixkaffar kollu li l-konvenut dahhal fil-garaxx in kwistjoni u dan kollu a spejjez tal-konvenut. F'kaz li l-konvenut ma jipprovdix post maghluq alternattiv fejn jitpogga l-ixkaffar in kwistjoni fuq semplici talba tal-attrici, l-attrici hija awtorizzata tiddepozitah quddiem ir-residenza tal-konvenut fix-Xewkija bl-ghajnuna tal-Pulizija.

"Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenut".

**Rikors tal-appell tal-konvenut Zachary Cassar (05.10.2015):**

**3.** Il-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett u inkomplet tal-provi u tat ordnijiet li ma kinux imdaħħla fit-talbiet attriċi. L-aggravji tiegħu huma li ġejjin:

*L-ewwel aggravju: nuqqas tal-elementi ta' spoll*

**4.** Il-konvenut appellant isostni illi għalkemm din hija kawża possessorja huwa neċessarju li l-qorti tagħmel eżami tal-kuntratti li għalihom saret riferenza mill-partijiet biex tara jekk jeżistux l-estremi ta' spoll u jekk jirrendux l-azzjoni possessorja bħala ammissibbli jew le fiċ-ċirkostanzi.

**5.** Jargumenta li mill-kliem tal-kuntratt ta' separazzjoni (datat 7 ta' April 2011) jirriżulta li d-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-attriċi fil-garaxx ma kellux jiġi eżerċitat b'mod konkorrenti mad-dritt tal-użu li huwa kien irriserva favur tiegħu biex iqiegħed l-ixkaffar u l-magni relatati max-xogħol tiegħu, anzi qari akkurat tal-kuntratt jagħmilha ċara li għall-perijodu li fih huwa jkollu dan id-dritt ta' użu tal-garaxx biex ipoġġi fih l-ixkaffar u l-magni relatati max-xogħol tiegħu, l-attriċi appellata kellha tivvaka mill-garaxx u tidħol biss fih. Jenfasizza li fiż-żmien tal-allegat

spoll id-dritt tal-attriċi riservat bil-kuntratt kien biss ta' "*aċċess liberu u ampju*" iżda mhux id-dritt li tużah hi ukoll.

**6.** Huwa jargumenta illi l-attriċi appellata kienet qed iddaħħal il-karozza fil-garaxx in kwistjoni b'mera tolleranza da parti tiegħu, u li għalhekk dan ma jistax jiswa' ta' fundament għall-akkwist tal-pussess.

**7.** Jaċċenna wkoll għall-kuntratt ta' donazzjoni (ukoll datat 7 ta' April 2011) li permezz tiegħu l-attriċi appellata ttrasferiet il-proprjeta` tal-garaxx favur binha John Paul Cassar, u senjatament għal dik il-parti fejn intqal li:

> "…*Zachary Cassar ikollu d-dritt li jagħmel użu minn dawn il-garaxxijiet għal perijodu ta' ħames snin li jibdew jiddekorru minn dak il-jum li fih Linda Cassar tivvaka minn dan il-garaxx illi tkun qed tabita fih u li fi kwalunkwe każ, ma għandux ikun aktar tard minn sentejn mil-lum*".

Isostni li jirriżulta biċ-ċar li kienet aċċettat li għal dak iż-żmien (ta' ħames snin) li fih huwa kellu d-dritt juża l-garaxx in kwistjoni, hija kellha tivvaka mill-garaxx u żżomm biss id-dritt ta' aċċess.

**8.** Iżid jgħid li bit-tneħħija tal-aperturi da' parti tiegħu (kien x'kien l-iskop li qalagħhom) ma jistax jiġi argumentat li l-aċċess tal-attriċi appellata ġie ostakolat, anzi l-kuntrarju.

**9.** Fir-rigward tal-mod kif qiegħed l-ixkaffar, jaċċenna għall-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jsemmi xejn dwar "*kif u come*" kellu jitpoġġa, u jsostni li anke wara li poġġa l-ixkaffar hija setgħet tibqa' taċċedi b'mod liberu u ampju fil-garaxx.

**10.** Jikkummenta wkoll illi ma jirriżultax mill-provi li huwa kisser ir-rampa, u jsostni li huwa fil-fatt ma kisser l-ebda rampa.

**11.** Jilmenta li l-ewwel Qorti ma setgħetx tordnalu jiżvojta l-garaxx meta huwa mhux biss il-proprjetarju assolut tal-garaxx, iżda fiż-żmien tal-allegat spoll kellu u għad għandu d-dritt li jagħmel użu minnu.

*It-tieni aggravju: ultra/extra petita*

**12.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti marret *ultra/extra petita* meta kkundannatu jneħħi l-vetturi tiegħu minn fuq ir-rampa jew minn quddiem ir-rampa fit-triq għaliex ddeċidiet dwar ħwejjeġ li ma kinux imdaħħla fit-talba.

**<u>Risposta tal-appell tal-attriċi appellata Linda Cassar (09.11.2015)</u>**

**13.** L-attriċi appellata Linda Cassar wieġbet biex tgħid li l-appell magħmul mill-konvenut appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu peress li l-aggravji huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**14.** Fl-ewwel lok issostni li ma hemmx raġuni valida sabiex din il-qorti issib li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u l-provi u li b'hekk ikkreat xi inġustizzja fil-konfront tal-konvenut appellant. Hija tagħmel riferenza għan-nota tal-osservazzjonijiet tagħha fejn fliet il-provi tal-kawża odjerna. Ma tali nota żżid li l-ewwel Qorti ġustament ma setgħetx torbot fuq il-kredibilita` tal-konvenut appellant stante li fix-xhieda tiegħu ta tlett verżjonijiet differenti. Tispjega li għalkemm qatt ma innega li għamel l-affarijiet lamentati minnha, il-motivazzjoni tiegħu inbidlet kull darba. Taċċenna għal dawn is-segwenti tlett istanti:

(1) Fit-tielet paragrafu tar-risposta tiegħu jgħid li l-aġir tiegħu huwa ġustifikat abbażi tal-prinċipju *vim vi repellere licet*;

(2) Sussegwentement meta mistoqsi in subizzjoni min ikkawżalu tali vjolenza li rreaġixxa għaliha, innega li wieġeb għall-vjolenza u qal li neħħa l-bibien u t-twieqi għax kellhom bżonn it-tiswija;

(3) Imbagħad fl-affidavit tiegħu argumenta li hu għandu dritt ta' użu ta' ħames snin u li hi (l-attriċi) għandha biss dritt ta' aċċess liberu u ampju. Qal ukoll l-bibien li qala' mill-garaxx huma proprjeta` tiegħu u li qalagħhom għaliex l-attriċi kienet qed tfixklu fl-użu li għandu tal-garaxx għaliex kienet qed iżżommu msakkar. Żied li bil-bieb li qala' ma

fixkilhiex mid-dritt ta' aċċess tagħha għall-garaxx, u semma' wkoll li sakemm jgħaddu l-ħames snin m'għandhiex dritt li tpoġġi l-karozza fil-garaxx.

**15.** L-attriċi appellata taċċenna għall-fatt li jidher ipprovat illi ċ-ċavetta kienet qegħda għandha, li huwa neħħa l-bibien u t-twieqi biex ma joqgħodx jitlobha ċ-ċwievet kull darba li ried jidħol fil-garaxx, li l-ixkaffar qegħdu hu, li r-rampa qalagħha hu u li kienet l-intenzjoni tiegħu li tul dawn il-ħames snin ma ddaħħalx il-vettura tagħha, tant li saħansitra mblukkalha l-aċċess kollu għall-imsemmi garaxx "*għax m'għandhiex dritt*". Tilmenta li huwa appożitament qed jipparkja l-vettura tiegħu eżattament mal-post tagħha sabiex żgur ma jkollhiex aċċess adegwat għall-garaxx u għar-residenza tagħha.

**16.** Dwar it-tieni aggravju tikkummenta li l-konvenut appellant ma speċifikax jekk is-sentenza hiex *ultra* jew *extra petita* iżda qabad u semmihom b'mod kumulattiv. In oltre tissottometti illi l-għan wara kawża ta' spoll huwa dak li l-pussessur jiġi ripristinat fil-pussess mhux imfixkel tiegħu. F'dan il-każ issostni li l-kwistjoni hija dwar l-użu li għandha tal-garaxx, liema użu mhux biss ġie imfixkel iżda imċaħħad lilha permezz tal-għemil spoljattiv tal-konvenut appellant.

**<u>Sfond kronoloġiku li jirriżulta mid-dokumenti (kuntratti u diversi rapporti li saru mal-pulizija)</u>**

**17.** Fit-30 ta' Awwissu 1986 iżżewġu l-attriċi appellata u l-konvenut appellant.

**18.** Fis-7 ta' April 2011 isseparaw bonarjament b'kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani.

**19.** Fil-kuntratt tas-separazzjoni[10] ġie stipulat hekk fir-rigward ta' żewġ garaxxijiet[11] (liema garaxxijiet huma sottostanti l-post "Melodija" Triq Dun Luqa, Sannat, illum il-ġurnata residenza tal-attriċi) wieħed fis-*semi basement level*, u l-ieħor fil-*basement level* (cioe` dak mertu tal-kawża odjerna):

> "*Illi l-partijiet qegħdin ukoll jiftehmu li r-raġel ikollu d-dritt esklussiv ad esklużjoni ta' martu li juża garage li qiegħed fil-livell ta' semi basement level, li hemm fil-proprjeta li tinsab fi Triq Dun Luqa, Sannat, Għawdex għall-perijodu massimu ta' ħames snin. Illi għal dan l-istess perijodu ta' ħames snin ir-raġel ikollu dritt li juża l-garaxx l-ieħor fil-basement level, limitatament biex iqiegħed xkaffar u magni relatati max-xogħol tiegħu, b'dan pero` li l-aċċess għal dan il-garaxx ma għandu fl-ebda ħin jiġi ostakolat biex il-mara jkollha aċċess liberu u ampju. Iċ-ċavetta ta' dan il-garaxx għandha tkun biss f'idejn il-mara u r-raġel għandu jikseb il-kunsens tagħha biex ikun jista' jidħol f'dan il-garaxx. Dawn il-ħames snin jibdew jiddekorru minn meta l-mara tivvaka mill-basement illi hija qed tiddikjara illi ser tabita fih temporanjament, u dan fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn sentejn mil-lum*".

[10] Kuntratt ta' separazzjoni bejn Linda u Zachary Cassar, 7 ta' April 2011, fol 27-33
[11] Ara ritratt Dok LA4, fol 34 fejn jidhru ż-żewġ garaxxijiet

**20.** Fl-istess ġurnata li sar il-kuntratt tas-separazzjoni, sar ukoll kuntratt ta' donazzjoni[12] li permezz tiegħu l-konvenut Zachary Cassar, u l-attriċi Linda Cassar, mart l-istess Zachary Cassar (f'dak l-istadju minnu legalment separata) ittrasferew xi proprjeta` favur binhom John Paul Cassar b'titolu ta' donazzjoni. Bis-saħħa tat-tieni parti ta' dan il-kuntratt, l-attriċi Linda Cassar ittrasferiet b't-titolu ta' donazzjoni favur binha John Paul iż-żewġ garaxxijiet fuq imsemmija:

> "*…żewġ garages bil-bitħa retrostanti iżda mingħajr l-arja tagħhom, bla numru, formanti parti mill-korp ta' bini mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem uffiċjali kostruwit fuq art magħrufa bħala Ta' Durell fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mija u sitta u ħamsin metri kwadri (156mk) u tmiss Lvant ma' Triq Dun Luqa, Nofsinhar ma' beni tal-familja Cassar u Tramuntana wkoll ma' beni tal-familja Cassar…..*
>
> "*Id-donanti Linda Cassar iżżomm id-dritt ta' użu u abitazzjoni fuq il-beni hawn donati għal tul ħajjitha kollha.*
>
> "*Illi din id-donazzjoni tkun soġġetta għad-drittijiet mogħtija a favur tal-komparenti Zachary Cassar u Linda Cassar, magħmul fl-atti tiegħi illum stess, u cioe` illi l-komparenti Zachary Cassar ikollu dritt jagħmel użu minn dawn il-garaxxijiet għal perijodu ta' ħames snin li jibdew jiddekorru minn dak il-jum li fih Linda Cassar tivvaka minn dak il-garaxx illi tkun qed tabita fih, u li fi kwalunkwe każ, m'għandux ikun aktar tard minn sentejn mil-lum, skont kif aħjar imsemmi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali.*
>
> "*Id-donatarju jintrabat illi ma jbiegħx dan il-fond ful il-ħajja tad-donanti*".

**21.** Fl-20 ta' Settembru 2011[13] (fl-00.20) l-attriċi appellata marret l-għassa tal-pulizija tar-Rabat, Għawdex, u stqarret li filgħodu meta kienet ħdejn il-bieb t'oħtha l-ex raġel tagħha kien heddha "*Ħa nagħmillek ħajtek infern*". Qalet li kull ma xtaqet hu li jħalliha bi kwietha. Aktar tard

[12] Kuntratt ta' donazzjoni favur John Paul Cassar, fol 23-26
[13] Rapport tal-20 ta' Settembru 2011, fol 76-79

Zachary Cassar mar l-għassa u spjega li hu kien ipprova jkellimha fuq affarijiet personali "*biex forsi nerġgħu nirranġaw iż-żwieġ tagħna*" u li hi qaltlu "*dan li għandi aħjar minnek*". Huwa ċaħad li heddidha.

**22.** Fit-13 ta' Ottubru 2011[14], il-konvenut appellant Zachary Cassar għamel rapport l-għassa tal-pulizija tar-Rabat, Għawdex, fejn iddikjara li kien għaddej minn Triq Dun Luqa, Sannat, u ra lil Magdi Salib (il-partner tal-mara tiegħu Linda Cassar), ta' nazzjonalita` barranija, dieħel fil-garaxx li jinsab fl-imsemmija triq. Huwa ddikjara li l-garaxx huwa ta' ibnu John Paul Cassar. Aktar tard l-attriċi appellata Linda Cassar marret l-għassa tar-Rabat, Għawdex u ddikjarat li żewġha kien qed imur u jdejjaqha bil-preżenza tiegħu.

**23.** Fis-16 ta' April 2013[15], l-attriċi appellata Linda Cassar u l-konvenut appellant Zachary Cassar marru l-għassa tar-Rabat, Għawdex, u rraportaw dwar inċident li ġara bejniethom dakinhar stess quddiem ir-residenza ta' Linda Cassar. Linda Cassar stqarret li waqt li kienet quddiem ir-residenza tagħha, rat lil Zachary Cassar b'mazza f'idejh jagħti daqqiet fuq ċint tal-entratura tad-dar u li kif resqet lejh biex iżżommu qalilha "*Itlaq minn quddiemi għax daqqa ta' mazza ntik*". Da parti tiegħu, Zachary Cassar stqarr li kien hemmhekk għaliex juża l-garaxx li jinsab taħt ir-residenza tagħha u Linda bdiet tgħajru b'missieru

[14] Rapport tat-13 ta' Ottubru 2011, fol 56-57
[15] Rapport tas-16 ta' April 2013, fol 58-60

u ġiet taħbat għalih. Skont l-istess rapport, il-pulizija li mar fuq il-post ikkonstata li l-ħsara li ra kienet tidher magħmula minn mazza.

**24.** Fil-25 ta' April 2013[16], bin il-kontendenti John Paul Cassar mar l-għassa tar-Rabat, Għawdex, u rraporta li hu għandu żewġ garaxxijiet biswit ir-residenza "Melodija" fi Triq Dun Luqa, Sannat u li kien hemm żewġ CCTV cameras li juru l-bibien tal-garaxx tiegħu u li waħda mill-cameras twaħħlet fuq il-faċċata tal-garaxx tiegħu. Aktar tard Linda Cassar stqarret li dawn is-CCTV cameras għamlithom għas-sigurta` tagħha minħabba l-inċident li kien inqala' qabel.

**25.** Fit-8 ta' Ottubru 2013[17], l-attriċi appellata marret l-għassa tal-pulizija u spjegat li fir-rigward tal-basement garaxx, sottostanti l-fond tagħha, il-konvenut appellant jista' jpoġġi xkaffar u magni relatati max-xogħol tiegħu, iżda ma jżommx iċ-ċavetta f'idejh u jrid jitlobhielha meta jkollu bżonn. "*Hija żiedet tgħid li din iċ-ċavetta kienet għaddietha lill-avukat tiegħu ħalli meta jkollu bżonn jidħol jiġborha mingħand l-avukat tiegħu*". Ilmentat li dakinhar huwa kien daħħal trakk fih u qatgħalha d-dawl għal ftit ħin. Meta aktar tard mar Zachary Cassar l-għassa huwa stqarr li kull ma għamel kien li tefa' s-salvavita għal ftit sekondi biex jirranġa xi ħaġa fid-dawl.

---

[16] Rapport tal-25 ta' April 2013, fol 61-63
[17] Rapport tat-8 ta' Ottubru 2013, fol 85-87

**26.** Fit-12 ta' Ottubru 2013[18], bin il-kontendenti, John Paul Cassar (li fil-kuntratt ta' donazzjoni tas-7 ta' April 2011 kien intrabat li "*ma jbiegħx*" iż-żewġ garaxxijiet li ttrasferietlu ommu, l-attriċi Linda Cassar, tul il-ħajja tagħha) daħal f'kuntratt ta' donazzjoni ma' missieru Zachary Cassar li permezz tiegħu ittrasferielu ż-żewġ garaxxijiet fuq imsemmija b'titolu ta' donazzjoni, kif soġġetti għad-drittijiet, obbligi u kondizzjonijiet favur Linda Cassar kif riżultanti mill-kuntratt tad-donazzjoni tas-7 ta' April 2011, u kif soġġetti wkoll għad-drittijiet, obbligi, u kondizzjonijiet favur Linda Cassar u l-istess donatarju Zachary Cassar kif riżultanti mill-kuntratt tas-separazzjoni tal-istess data.

**27.** Fit-22 ta' Novembru 2013[19], il-konvenut appellant Zachary Cassar mar l-għassa tar-Rabat, Għawdex, u wara li ddikjara li ż-żewġ garaxxijiet li jinsabu sottostanti r-residenza "Melodija" f'Triq Dun Luqa, Sannat ġew proprjeta` tiegħu, ilmenta fuq iż-żewġ CCTV cameras li permezz tagħhom l-ex mara tiegħu qed tirrekordja filmati tiegħu u tal-proprjeta` tiegħu, u wkoll fuq l-isem tad-dar "Melodija" konsistenti f'metall ta' daqs 50cm u kaxxa tal-ittri li twaħħlu maġenb bieb ta' wieħed miż-żewġ garaxxijiet.

**28.** Fid-9 ta' Diċembru 2013[20], l-attriċi appellata marret l-għassa tar-Rabat, Għawdex u rraportat li l-ex raġel tagħha Zachary Cassar

[18] Kuntratt ta' donazzjoni favur il-konvenut Zachary Cassar, fol 120-121
[19] Rapport tat-22 ta' Novembru 2013, fol 64-66
[20] Rapport tad-9 ta' Diċembru 2013, fol 88-90

dakinhar mar barra r-residenza tagħha u qala' l-isem tad-dar tagħha u CCTV camera. Meta l-istess Zachary Cassar mar l-għassa aktar tard, huwa kkonferma li qala' l-isem tad-dar u l-camera u qal "*Jiena għandi fil-pussess tiegħi bil-kuntratt iż-żewġ garaxxijiet u llum ħa nwaħħal żewġ tined fuq l-istess garaxxijiet. Peress li l-isem tad-dar u l-camera qegħdin fl-ispazju ta' fejn ħa nwaħħal it-tined, li jiġi fil-proprjeta` tiegħi, jiena qlajthom u tellajthom 'il fuq u waħħalthom fejn suppost sabiex ma jibqgħux fil-proprjeta` tiegħi*".

**29.** Fl-20 ta' Mejju 2014[21], il-konvenut appellant Zachary Cassar mar l-għassa u rraporta li dakinhar stess meta mar fi Triq Dun Luqa, Sannat, fejn għandu żewġ garaxxijiet, u talab lill-ex mara tiegħu Linda Cassar biex tiftaħlu l-bieb tal-garaxx li tiegħu għandha ċ-ċavetta, hija hekk għamlet, imma kif talabha tiftaħlu l-bieb tal-aluminium ta' wara u l-bieb tat-toilet hi rrifjutat. Ġie wkoll irrapurtat l-ilment tiegħu li "*sal ġurnata tal-lum Linda għadha ma żgumbratx il-garaxx fejn għandu d-dritt jużah*".

**30.** Fl-20 ta' Mejju 2014[22] ukoll, l-attriċi appellata Linda Cassar marret l-għassa u rraportat li l-ex raġel tagħha qala' u ħa bieb tal-ħadid tal-garaxx u tieqa tal-aluminium ġo l-istess garaxx. Stqarret li m'għandu l-ebda dritt jagħmel dan skont dak li tniżżel fil-kuntratt tas-separazzjoni.

---

[21] Rapport tal-20 ta' Mejju 2014, (tal-konvenut) fol 67-68
[22] Rapport tal-20 ta' Mejju 2014 (tal-attriċi), fol 91-92

**31.** Fl-istess data tal-20 ta' Mejju 2014[23] l-attriċi appellata għamlet kwerela mal-pulizija u talbitha tipproċedi kontra l-konvenut appellant talli dakinhar stess huwa biex jeżerċita xi jedd li jippretendi li għandu fixkilha fil-pussess ta' basement garaxx sottostanti l-fond "Melodija", Triq Dun Luqa, Sannat, "*billi qala' l-bieb tal-faċċata tal-imsemmi garaxx kif ukoll tieqa li tinsab fin-naħa ta' wara tal-istess garaxx kif ukoll qata' l-ħbula tal-ħabel tal-inxir li kienu jinsabu fl-imsemmi garaxx…*".

**32.** Fl-24 ta' Mejju 2014[24], il-konvenut appellant Zachary Cassar mar l-għassa tar-Rabat u rraporta li l-ġurnata ta' qabel ħalla t-trakk tiegħu pparkjat fid-*drive in* fis-6.30 ta' filgħaxija u dakinhar sab taħżiż ma' ġenb il-lock in-naħa tax-xufier u issuspetta fl-ex mara tiegħu l-attriċi Linda Cassar u r-raġel barrani li jgħix magħha.

**33.** Fis-17 ta' Lulju 2014[25] (u cioe` l-jum ta' qabel ma nfetħet din il-kawża) il-konvenut appellant Zachary Cassar mar l-għassa tar-Rabat, Għawdex, u rraporta li dakinhar stess meta mar biex idaħħal it-trakk tiegħu fil-garaxx li għandu taħt ir-residenza tal-ex mara tiegħu innota li xi ħadd kien daħal magħha u waħħal bieba mal-meter tad-dawl. Stqarr li kellha l-obbligazzjoni li ħadd ma jidħol ħlief hi u għalhekk sostna li "*…la hi ma żammitx dawk l-affarijiet li ftehmna jiena rrid iċ-ċwievet lura*". Aktar tard marret l-attriċi appellata Linda Cassar u stqarret li l-ex raġel

[23] Kwerela datata 20 ta' Mejju 2014, fol 6
[24] Rapport tal-24 ta' Mejju 2014, fol 69-72
[25] Rapport tas-17 ta' Lulju 2014, fol 73-75

tagħha m'għandu l-ebda dritt idaħħal it-trakk fil-garaxx. Qalet li għalkemm iċ-ċwievet qegħdin għandha, qegħdin għandha għal xejn għaliex l-ex-raġel tagħha kien qala' l-bieb. "*Jiena ma għandi xejn iktar xi ngħid ħlief li lili iħallini ngħix ħajti u ma rrid xejn aktar.*"

**<u>Verżjoni tal-attriċi appellata fir-rigward tal-fatti li taw lok għall-kawża odjerna</u>**

**34.** Linda Cassar fl-affidavit tagħha[26] spjegat illi meta hi u żewġha l-konvenut appellant infirdu b'kuntratt ta' separazzjoni, hija tatu d-dritt li juża l-*basement garage* mertu tal-ispoll in kwistjoni limitatament biex iqiegħed l-ixkaffar u magni relatati max-xogħol tiegħu b'dan pero` li l-aċċess favoriha ma kellux jiġi ostakolat, sabiex hija jkollha l-aċċess "*liberu u ampju*" biex tidħol fih bil-vettura tagħha u tużah kif trid. Enfasizzat il-fatt li fil-kuntratt tniżżel illi ċ-ċavetta tiegħu kellha tkun f'idejha u li l-konvenut appellant kellu jikseb il-kunsens tagħha biex huwa jkun jista' jidħol fih.

**35.** Spjegat li skont l-istess kuntratt il-perijodu konċess lill-konvenut biex juża tali garaxx kien ta' "*ħames (5) snin*", liema perijodu kellu jibda jiddekorri minn meta hija tkun ivvakat minnu. Spjegat li dan kien għaliex fil-fatt hija kienet qegħda temporanjament tabita fih fiż-żmien tas-separazzjoni u fit-tmien (8) xhur ta' wara. Ikkonfermat li sa tmien (8)

[26] Affidavit tal-attriċi fol 20-22

xhur wara (u cioe` għall-ħabta ta' Diċembru 2011) laħqet lestiet il-post (li jinsab sovrastanti) u mbagħad marret tgħix fih.

**36.** Żiedet tgħid li ċ-ċwievet tal-*basement garage* in kwistjoni kienu f'idejha u li għalhekk kellha l-pussess tiegħu. Qalet li l-ispoll lamentat minnha seħħ fl-20 ta' Mejju 2014. Spjegat kif dakinhar kellhom seduta l-qorti, u d-difensur tal-konvenut appellant kien ikkomunika mad-difensur tagħha biex javżaħha li huwa ried aċċess għall-garaxx u biex hi tiftaħlu. Qalet li din kienet it-tieni darba li kien talabha aċċess għal dan il-garaxx.

> "*Ngħid ukoll li waqt is-seduta kien saħan ħafna fuq il-kawża li għandna bejnietna u rama jgħajjat li ser jieħu l-liġi b'idejh għaliex hu irid iċ-ċavetta f'idejh…..Meta ftaħt ir-raġel kien diġa qiegħed quddiem id-dar, rajtu, ftaħt u tlajt 'il fuq ġod-dar…Wara ftit bdejt nisma' ħsejjes kbar…..tlajt fuq il-bejt għaliex ma kontx ser nidħol fejnu għax nibża' minnu u minn fuq il-bejt rajtu jgħabbi l-bibien ta' dan il-garaxx basement fuq it-trakk tiegħu….Il-bieb huwa bieb tal-ħadid iggalvanizzat…Barra l-bieb tal-faċċata neħħu wkoll it-tieqa u l-prieċi li jinsabu fin-naħa ta' wara tal-garaxx….Dik il-lejla stess wara li jien kellimt lill-pulizija u għamilt ir-rapport, huwa reġa' ġie ma raġel ieħor li naf li jsuq taxi pero` ma nafx x' jismu u daħħal l-ixkaffar…u mela l-garaxx mertu ta' dan l-ispoll kollu kemm hu b'dan l-ixkaffar. L-għada fil-għodu qala' l-bieb ta' wara li jinsab ħdejn it-tieqa……L-għada fil-għodu u cioe` fil-21 ta' Mejju 2014 ir-raġel reġa' ġie fl-istess garaxx u naturalment din id-darba ma kellux għalfejn jitlob il-permess tiegħi għaliex ma kienx hemm bibien u din id-darba qala' r-rampa…biex issa jżommni mili nidħol fil-garaxx bil-karozza tiegħi. F'din l-area beda jħalli l-vettura tiegħu fir-rampa pero` żammewh il-pulizija u issa qed jipparkja eżatt quddiem il-garaxx u l-entratura*".

**37.** Kontro-eżaminata[27], sostniet li skont il-kuntratt hija kellha l-użu u l-abitazzjoni fil-garaxx għal dejjem anke matul il-ħames (5) snin li fihom il-konvenut appellant seta' jpoġġi l-ixkaffar. Aċċennat għall-fatt li ċ-

[27] Kontro-eżami tal-attriċi, fol 150-162

ċavetta kellha tibqa' għandha u argumentat illi "*what's the use li jiena għandi ċavetta*" jekk ma tistax tużah. Ilmentat li l-ixkaffi kellhom ikunu mal-ġenb sabiex hija tkun tista' ddaħħal il-karozza tagħha. Fuq kumment tad-difensur tal-konvenut li l-aċċess tagħha għall-garaxx ma ġiex imxekkel, hija wieġbet: "*L-aċċess jiena m'għandix x'nambih biex nidħol norqod, jiena l-karozza rrid indaħħal*". Meta ġie suġġerit lilha li l-konvenut ma qalax parti mir-rampa, hija wieġbet: "*Iva, qala' għax jiena l-karozza kienet tħokk biex nitla' allura għamilt biċċa siment qisha sewwa, dik qalagħha, qalagħha barra biex l-ixkaffi żgur jiġu eżatti mar-rampa*". Għalkemm xehdet li ma ratux ikisser ir-rampa xehdet li fl-istess jum li qala' l-bieb rat borġ siment imfarrak u mkisser wara li telaq dakinhar fil-għaxija. Qalet ukoll illi minn dakinhar 'il quddiem dejjem baqa' jostakola l-bieb tal-garaxx bil-vetturi tiegħu, u saħansitra anke l-aċċess għad-dar sottostanti ġie mxekkel.

**38.** Ir-ritratti[28] esebiti mill-istess attriċi jikkonfermaw il-verżjoni tagħha.

**39.** Magdi Salib, li jirrisjedi fl-istess fond tal-attriċi appellata ("Melodija", Triq Dun Luqa, Sannat, liema fond jiġi sovrastanti l-garaxx in kwistjoni) fl-affidavit[29] tiegħu jgħid li dakinhar tal-każ, u cioe` fl-20 ta' Mejju 2014, kienet ċemplitlu l-attriċi wara li spiċċat is-seduta li kellha l-qorti mal-konvenut appellant u qaltlu li l-istess konvenut appellant kien

[28] Ritratti a fol 34-40
[29] Affidavit ta' Magdi Salib, fol 43-44

heddidha li ser jieħu l-liġi b'idejh. Jgħid li wara ftit reġgħet ċemplitu u qaltlu li kien qed jaqla' l-bieb u t-tieqa:

> "*Meta ġejt lura mix-xogħol sibt il-garaxx li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin int u tħares lejn il-faċċata, bla bieb. Nispjega illi qabel ma' mort ix-xogħol u cioe` fil-għodu kien bil-bieb u kien imsakkar….Linda qaltli li Zakkarija qala' l-bieb u għabbieh fit-trakk. Aktar tard dakinhar stess, u cioe` għall-ħabta tal-ħamsa u nofs jew xi ftit wara, jiena rajt lilu u lil ħaddieħor miegħu joħorġu l-ħadid armat bħala xkaffar mill-garaxx ta' fuq u jdaħħluh fil-garaxx t' isfel…..Jien u Linda inżilna biex naraw x' ġara għaliex ngħid illi jien ma kkonfrontajtux u lanqas kellimtu xejn għaliex dak ma tirraġunax miegħu, u meta nżilna sibna li l-garaxx t'isfel kien kompletament imblukkat bil-ħadid. Jien minn barra rajt li anke r-rampa fejn iddaħħal il-karozza Linda kienet in parti maqlugħa u r-rampa kienet ibblokkata wkoll*".

**40.** Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami tal-25 ta' Frar 2015[30] xehed illi ilu jgħix fil-maisonette sovrastanti l-garaxxijiet minn mindu rranġatu l-attriċi appellata u marret toqgħod fih. Qal li l-garaxx in kwistjoni qiegħed f'idejn l-attriċi appellata u kkonferma li ċ-ċavetta kienet f'idejha. Spjega li dakinhar tal-20 ta' Mejju 2014 kienet ħalliet il-bieb tal-garaxx miftuħ u l-konvenut qala' l-bieb tiegħu b'mod li ġie li hemm aċċess għal kulħadd, saħansitra qal li anke tfal tal-iskola tarahom jiġru fih. Dwar l-ixkaffar li poġġa l-konvenut appellant, qal "*jien għalija mhux xkaffar, jien għalija scaffolding dak…*". Huwa jilmenta li l-attriċi mhux biss ġiet ma tistax iddaħħal il-karozza, iżda saħansitra hemm il-vettura tal-konvenut appellant quddiem il-garaxx b'mod li anke l-antiporta tal-post ġiet imblokkata.

**41.** Dr Jean Paul Grech, li fiż-żmien tal-allegat spoll kien id-difensur

[30] Xiehda ta' Magdi Salib in kontro-eżami tal-25 ta' Frar 2015, fol 140-149

tal-attriċi, fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2014[31] ikkonferma li dakinhar tal-20 ta' Mejju 2013 (meta sar l-allegat spoll) kien hemm seduta pjuttost imqanqla l-qorti:

> "*…kif ħriġna mill-awla qalilha lil Linda Cassar, qalilha, l-lejla qis li tiftaħli l-bieb tal-garaxx għaliex inkella nieħu l-liġi b'idejja jew niftħu jiena, xi ħaġa f'dak is-sens insomma…*".

Ix-xhud spjega li kien għadu kemm daħal fil-każ u dak il-ħin ra l-kuntratt u ra li l-konvenut kellu dritt jagħmel użu mill-garaxx in kwistjoni pero` li kellu jinforma lil Linda Cassar biex tiftaħlu. In vista tal-fatt li dakinhar il-konvenut Zachary Cassar kien qal li ried juża l-garaxx, ix-xhud Dr Grech, abbażi tal-kuntratt, kien ta parir lill-klijenta tiegħu biex tiftaħlu:

> "*…dan ovvjament inti obbligata li tiftaħlu u fil-fatt hija kienet indikatli x' kienet se tiftaħ l-garaxx u m'inix ċert jekk kontx bgħatt email lil Dr Scerri jekk inkella infurmajtu verbalment, għidtlu isma,' dan il-garaxx ħa jinfetaħ f'dak it-tali ħin*".

**42.** Kompla jgħid li aktar tard dakinhar kienet ċemplitlu l-attriċi appellata Linda Cassar u qaltlu li l-bieb tal-garaxx li kienet fetħet lill-konvenut kien inqala'. "*Qaltli qala' l-bieb tal-garaxx minn postu…*".

**43.** Margaret Cassar, omm l-attriċi appellata, fix-xhieda tagħha tal-25 ta' Frar 2015[32] xehdet li dakinhar tal-allegat spoll meta marret fuq il-post, il-bieb kien diġa maqlugħ u rat lill-konvenut u raġel ieħor jgħabbuh. Qalet li mhux il-bieb tal-ħadid biss qala', iżda wkoll il-bibien l-oħra tal-

[31] Xiehda ta' Dr Jean Paul Grech tat-8 ta' Ottubru 2014 (wara li ġie eżentat mis-sigriet professjonali mill-attriċi), fol 46-53
[32] Xiehda ta' Margaret Cassar tal-25 ta' Frar 2015, fol 125-138

aluminium. Mistoqsija jekk bintha l-attriċi appellata llum il-ġurnata tistax tidħol fil-garaxx irrispondiet: *"…kullimkien xkaffi tal-ħadid sas-sama. X' ħa tidħol tagħmel?"*. Spjegat illi għalkemm teknikament tista' tidħol il-karozza ma tistax iddaħħalha.

**<u>Verżjoni tal-konvenut appellant fir-rigward tal-fatti li taw lok għall-kawża odjerna</u>**

**44.** Zachary Cassar fix-xhieda tiegħu in subizzjoni tat-8 ta' Ottubru 2014[33] mistoqsi jekk hux minnu li huwa qatt ma kkontesta li l-bieb tal-garaxx u l-apertura l-oħra kien qalagħhom hu, irrisponda "*Mhux tiegħi*?". Mistoqsi mill-qorti jekk kienx hu li qalagħhom irrisponda, "*U żgur li qlajthom. Għandhom il-ħsara*". Mistoqsi wkoll mill-qorti jekk talabx il-kunsens tal-attriċi, irrisponda: "*Kunsens għal xiex? Mela ħwejġi nitlob il-kunsens lil xi ħadd?....Ma jidhirlix li għandi nitlob kunsens*".

**45.** Fl-affidavit tiegħu[34] huwa aċċenna għall-fatt li llum il-ġurnata iż-żewġ garaxxijiet sottostanti r-residenza tal-attriċi appellata (inkluż dak in kwistjoni) huma proprjeta` tiegħu. B'riferenza għall-kuntratt tas-separazzjoni jsostni li l-attriċi kienet obbligat ruħha li għaż-żmien (ta' ħames snin) li huwa jkollu l-użu tal-garaxx, hija trid toħroġ minnu. Dwar il-bibien li qala' jgħid li:

[33] Xiehda tal-konvenut tat-8 ta' Ottubru 2014, fol 94-101
[34] Affidavit tal-konvenut, fol 112-114

> "*Jiena qlajt dawn il-bibien billi l-attriċi kienet qed tfixkilni fl-użu li għandi tal-garage għaliex ma kinitx qed iżżommu mhux imsakkar u għal xejn b'xejn kienet qed tirrifjuta l-kunsens tagħha biex jidna nidħol fih meta għandi dan id-dritt bil-kuntratt….Sakemm jgħaddu l-ħames snin l-attriċi m'għandhiex dritt li tpoġġi l-karozza tagħha f'dan il-garage. Il-ftehim li għamilna fil-kuntratt ta' separazzjoni kien fil-fehma tiegħi ċar li għal dan iż-żmien ta' ħames snin u sakemm jgħaddi, hi għandha biss dritt ta' aċċess u xejn aktar*".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

**46.** Kif jirriżulta mill-provi mressqa f'din il-kawża, il-kontendenti huma separati u minkejja li s-separazzjoni tagħhom kienet waħda bonarja u konsenswali, id-diżgwid bejniethom ma naqasx, u dan kif anke evidenzjat min-numru ta' rapporti li saru mal-pulizija. Fost id-diversi episodji imqanqlin li seħħew wara s-separazzjoni kien hemm proprju l-inċident tal-20 ta' Mejju 2014 li ta lok għal dawn il-proċeduri fejn l-attriċi appellata sostniet li sofriet spoll meta l-konvenut appellant qala' l-bieb tal-garaxx sottostanti r-residenza tagħha, qala' wkoll il-bieb u t-tieqa li jinsabu fuq in-naħa ta' wara tal-istess garaxx, qata' l-ħbula tal-inxir li kienu fl-istess garaxx, u ostakola l-istess garaxx biex hi ma jkollhiex aċċess għalih. Konsegwentement l-attriċi appellata talbet li jiġi dikjarat li l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tagħha u li jiġi ordnat ireġġa' lura kollox għall-istat pristinu tiegħu. L-ewwel Qorti laqgħet tali talba u speċifikat eżattament ħaġa b'ħaġa x'kellu jagħmel il-konvenut appellant sabiex ireġġa' kollox lura għall-istat pristinu tiegħu.

*L-ewwel aggravju: nuqqas tal-elementi ta' spoll*

**47.** Il-konvenut appellant ħassu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti sabet li kienu jissussistu l-elementi kollha ta' spoll. Huwa jibda biex jgħid li ma ġiex ipprovat li l-attriċi kellha l-pussess tutelabbli f'azzjoni bħal din. Jargumenta li jekk il-konvenuta kienet qed iddaħħal il-vettura fil-garaxx in kwistjoni dan kienet qed tagħmlu b'tolleranza da parti tiegħu.

**48.** Għalkemm il-konvenut appellant ma qajjimx it-tolleranza bħala eċċezzjoni, u qajjimha invece fin-nota tas-sottomissjonijiet, l-ewwel Qorti ikkonsidrat dan l-argument tiegħu iżda dehrilha li kien infondat. Huwa f'dan l-appell baqa' jinsisti li l-attriċi kellha biss mera tolleranza u mhux pussess tal-garaxx. F'dan ir-rigward reġa' għamel riferenza għall-kuntratt tas-separazzjoni tas-7 ta' April 2011 u partikolarment għall-kontenut tal-klawsola relattiva għall-garaxx in kwistjoni li l-parti relevanti tiegħu ġa ġiet riprodotta aktar 'il fuq f'din is-sentenza.[35]

**49.** L-interpretazzjoni tiegħu hi li mill-kliem tal-kuntratt jirriżulta biċ-ċar li għall-perijodu ta' ħames (5) snin li fih huwa kellu d-dritt li juża l-garaxx, (liema ħames (5) snin kienu *in corso* meta seħħ l-allegat spoll) l-attriċi kellha "*tivvaka mill-garaxx u tidħol biss fih*". Jargumenta li għalkemm għal tul dawn il-ħames (5) snin l-attriċi rriservat id-dritt ta' "*aċċess liberu u ampju*", ma rriservatx ukoll id-dritt li tużah ukoll.

[35] Ara paragrafu 19 *supra*

**50.** Jirreferi wkoll għall-kuntratt ta' donazzjoni tal-istess data li permezz tiegħu l-attriċi appellata ttrasferiet il-garaxx lil binha John Paul Cassar u jsostni li jirriżulta biċ-ċar minn tali kuntratt li hija kienet aċċettat li "tivvaka" l-garaxx u żżomm biss id-dritt ta' aċċess.

**51.** Għaldaqstant isostni li jekk kienet qegħda tagħmel użu mill-garaxx biex iddaħħal il-karozza tagħha, dan kienet qegħda tagħmlu b'mera tolleranza da parti tiegħu.

**52.** Kif ġustament ikkummentat l-ewwel Qorti, mhuwiex kompitu tagħha f'azzjoni possessorja bħal din li tinterpreta d-drittijiet petitorji tal-partijiet naxxenti mill-kuntratti tas-7 ta' April 2011, iżda tenut kont tal-fatt li l-konvenut appellant qajjem il-kwistjoni tat-tolleranza hija ħadet konjizzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni u aċċennat partikolarment għal dik il-parti fejn jingħad illi tul dawk il-ħames (5) snin li fihom il-konvenut ikollu d-dritt li juża l-garaxx limitatament biex iqiegħed l-ixkaffar u l-magni relatati ma' xogħlu, "ċ-*ċavetta ta' dan il-garaxx għandha tkun biss f'idejn il-mara u r-raġel għandu jikseb il-kunsens tagħha biex ikun jista' jidħol f'dan il-garaxx*". Inoltre qieset li jirriżulta inkontestat li dakinhar tal-allegat spoll, kienet biss l-attriċi appellata li effettivament kellha ċ-ċavetta tal-garaxx.

**53.** Din il-qorti, bħall-ewwel Qorti, hija tal-fehma li dawn iż-żewġ fatturi jimmilitaw ferm kontra t-teżi tal-konvenut appellat meta jsostni li l-attriċi appellata kienet qed "tuża" l-garaxx in kwistjoni u ddaħħal il-vettura tagħha bit-tolleranza tiegħu, u invece jimmiltaw favur it-teżi tagħha li kellha l-pussess tiegħu.

**54.** Il-konvenut appellant ikompli jargumenta li bit-tneħħija tal-bibien u t-tieqa l-attriċi appellata ma tnaqqsilhiex l-aċċess "*liberu u ampju*" għall-garaxx li suppost kellha skont il-kuntratt anzi jikkummenta li l-aċċess għall-garaxx *se mai* sar aktar liberu. Kważi kważi donnu allura qed jippretendi li l-attriċi appellata għandha tirringrazzjah talli bil-qlugħ ta' tali aperturi (fejn il-garaxx sar aċċessibbli għal kulħadd) għamlilha l-aċċess aktar "liberu" għaliha! Bil-qlugħ tal-aperturi l-konvenut invece neżża' lill-attriċi appellata mill-pussess li kellha tal-istess aperturi, u għalhekk altro li si tratta ta' aġir spoljattiv f'dan ir-rigward.

**55.** Imbagħad fir-rigward tal-fatt li bl-ixkaffar li huwa qiegħed minn naħa sa oħra tal-garaxx okkupa tant spazju li l-attriċi appellata ma baqgħetx tista' ddaħħal il-vettura tagħha[36], il-konvenut appellant jargumenta li fil-kuntratt ma jissemma xejn dwar "*kif u come*" kellu jitpoġġa l-ixkaffar fil-garaxx u jikkummenta li hekk kif kellha aċċess għalih (b'persunitha) qabel ma daħħal l-ixkaffar kellha aċċess għalih u setgħet tibqa' tidħol fih wara. Mingħajr ma toqgħod tidħol f'kwistjonijiet

[36] Vide ritratt a fol 36

ta' interpretazzjoni dwar l-implikazzjoni tal-kelma "aċċess" fil-kuntratt tas-separazzjoni din il-qorti tirrileva li minkejja li l-attriċi appellata kkonsentiet li l-konvenut appellat jista' għal perijodu ta' ħames (5) snin juża l-garaxx biex idaħħal l-ixkaffar jidher li kien importanti għaliha li jibqagħlha ammont konsidervoli ta' spazju u għalhekk l-aċċess li kellu jkollha l-attriċi appellata għall-garaxx in kwistjoni ġie deskritt fil-kuntratt bħala "liberu u ampju". Ħarsa lejn ir-ritratt Dok LA7 a fol 36 turi kif il-konvenut mela l-garaxx in kwistjoni minn naħa sa oħra u mill-art sas-saqaf b'mod li ngombrah kompletament. Il-pussess tal-ispazju li kienet tgawdi l-attriċi appellata issa ġie ferm limitat. Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma li f'dan ir-rigward ukoll si tratta ta' aġir spoljattiv.

**56.** Fir-rigward tar-rampa, din il-qorti hija sodisfatta li hemm biżżejjed provi li din (in parti) inqalgħet mill-konvenut appellant. L-attriċi appellata fl-affidavit tagħha speċifikat li dan sar l-għada li qala' l-bibien tal-garaxx, u cioe` fil-21 ta' Mejju 2014. Kontro-eżaminata, speċifikat li peress li l-vettura tagħha kienet tħokk meta titla', kienet għamlet biċċa siment, u li din qalagħha l-konvenut biex l-ixkaffi li għamel jiġu eżatti mar-rampa. Xehdet li minkejja li ma ratux ikisser ir-rampa xehdet fl-istess jum li qala' l-bieb rat borġ siment imfarrak u mkisser wara li telaq dakinhar filgħaxija. Kif wieħed jista' jara, l-attriċi appellata tat żewġ verżjonijiet ftit differenti f'dan ir-rigward: fl-affidavit qalet li parti mir-rampa nqalgħet 'l għada li konvenut appellant qala' l-aperturi tal-garaxx, filwaqt li kontro-

eżaminata qalet li kien dak in-nhar stess. Fil-fehma ta' din il-qorti din mhix xi kontradizzjoni notevoli li twassalha biex tiddubita mill-veraċita` tal-verżjoni tal-attriċi li r-rampa fil-fatt inqalgħet, wara kollox si tratta ta' ftit siegħat. Inoltre s-sieħeb tagħha, Magdi Salib ikkonferma li parti mir-rampa kienet inqalgħet fl-istess jum li nqalgħu l-aperturi.

**57.** Il-konvenut finalment jilmenta li l-ewwel Qorti ma setgħetx tordnalu jiżvojta l-garaxx meta huwa mhux biss il-proprjetarju assolut tal-garaxx, iżda fiż-żmien tal-allegat spoll kellu u għad għandu d-dritt li jagħmel użu minnu. Li fil-frattemp sar proprjetarju tal-garaxx stante d-donazzjoni da parti ta' ibnu Jean Paul Cassar huwa assolutament irrilevanti. Fil-fehma ta' din il-qorti pero` għandu raġun meta jgħid li l-ewwel Qorti ma kellhiex tordnalu jiżvojta l-garaxx meta l-istess attriċi appellata kienet aċċettat li għal ħames (5) snin seta' jagħmel użu mill-garaxx biex iqiegħed l-ixkaffar (dejjem bl-intiża li ċ-ċavetta tibqa' għandha u li tiftaħlu meta jitlobha).

**58.** Fil-fehma ta' din il-qorti l-konvenut appellant ikkommetta aġir spoljattiv għaliex qiegħed l-ixkaffar tul il-garaxx kollu u mhux għax qiegħed l-ixkaffar per se. Mill-kuntratt jirriżulta li għalkemm l-attriċi tat il-kunsens tagħha biex huwa jqiegħed l-ixkaffar fil-garaxx dan kien kwalifikat bil-kondizzjoni li l-konvenut appellant ma jnaqqasx konsiderevolment mill-ispazju li kienet qiegħda tgawdi l-attriċi appellata.

Li kieku bit-tqegħid tal-ixkaffar ma ngombrax eċċessivament il-garaxx bil-mod kif jirriżulta mir-ritratt a fol 36, għemilu ma kienx jammonta għal spoll għaliex ma kienx ikun aġir vjolenti, jew aħjar, aġir kontra r-rieda tal-attriċi appellata, kif evidenzjat mill-kuntratt stess.

**59.** Għalhekk din il-qorti taqbel illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna lill-konvenut "*ineħħi l-ixkaffar kollu*".

**60.** Jiġi osservat, pero` li l-perijodu ta' ħames (5) snin li tulu kien jissussisti l-kunsens tal-attriċi appellata biex huwa jpoġġi l-ixkaffar (bil-kondizzjoni li jħallilha aċċess "liberu u ampju") skatta meta l-attriċi ma baqgħetx tabita fil-garaxx u telgħet tgħix fil-post sovrastanti. Skont l-istess attriċi appellanti dan kien tmien (8) xhur wara l-kuntratt ta' separazzjoni. Il-ħames snin (5) għalhekk jispiċċaw fil-bidu ta' Diċembru 2016, u cioe` ftit wara li tingħata din is-sentenza u għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ser ikollha (għal raġunijiet differenti) tikkonferma l-ordni tal-ewwel Qorti biex il-konvenut appellant ineħħi l-ixkaffar kollu.

*It-tieni aggravju: ultra/extra petita*

**61.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti marret *ultra/extra petita* meta kkundannatu jneħħi l-vetturi tiegħu minn fuq ir-rampa jew minn quddiem ir-rampa fit-triq għaliex iddeċidiet dwar ħwejjeġ li ma

kinux imdaħħla fit-talba.

**62.** Mill-provi jirriżulta li l-konvenut appellant qed jipparkja l-vetturi tiegħu quddiem il-garaxx b'mod li qiegħed ukoll jimblokka l-entratura tal-post tagħha[37], u l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut speċifikatament:

> "*biex ineħħi kwalunkwe vettura li hemm ipparkjata fir-rampa tal-garaxx in kwistjoni u quddiem ir-rampa tal-istess garaxx u quddiem it-taraġ biswit ir-rampa li twassal għar-residenza tal-attriċi b'tali mod li jkkun hemm aċċess liberu u ampju sabiex tidħol u toħroġ vettura mill-istess garaxx mingħajr ebda ostaklu u sabiex persuni liberament u mingħajr ebda ostaklu jkunu jistgħu jaċċedu għat-taraġ tar-residenza tal-attriċi u jiddesisti milli hu jew persuni mqabbda minnu jerġgħu jipparkjaw xi vetturi fl-istess rampa, quddiem l-istess rampa u quddiem it-taraġ tar-residenza tal-attriċi*".

**63.** Huwa minnu li l-attriċi ma talbitx speċifikatament li l-konvenut appellant jiġi ordnat ineħħi l-vetturi minn quddiem il-garaxx tagħha, iżda kif targumenta hi stess fir-risposta tal-appell tagħha, l-għan wara kawża ta' spoll huwa dak li l-pussessur jiġi ripristinat fil-pussess mhux imfixkel li kien igawdi qabel. Issa l-kwistjoni odjerna hija dwar il-pussess imfixkel tal-attriċi appellanti fir-rigward tal-*basement garage* u għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti, li l-konvenut jiġi ordnat ineħħi l-vetturi minn quddiem tali garaxx u li jiddeżisti milli jipparkja quddiemu huwa essenzjali sabiex l-attriċi tiġi reintegrata fil-pussess li kellha ta' tali garaxx.

**64.** Din il-qorti tagħmel riferenza għad-deċizjoni tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Paul Portelli et v. Eucharistico Camilleri** deċiża fl-24 ta' Ġunju

[37] Ara partikolarment ritratti Dok LA3(fol 34), Dok LA9a u Dok LA9b (fol 38) u Dok LA9c (fol 39)

2016, fejn kienet tqajmet il-kwistjoni li l-ewwel Qorti kienet marret *ultra petita* meta ordnat it-tneħħija ta' affarijiet li ma kienux imsemmija speċifikatament fit-talbiet. Din il-qorti fid-deċiżjoni tagħha pero` kienet irriteniet illi b'daqshekk l-ewwel Qorti ma kenitx marret *ultra petita* ladarba kien bit-tneħħija tagħhom li l-atturi seta' jerġa' jkollhom il-"*liberu aċċess*" kif mitlub minnhom fit-talbiet. Hija kienet qalet hekk:

> "*Il-konvenut appellant jargumenta illi ladarba fit-talba oriġinali issemmew biss ix-xtieli, l-ewwel Qorti marret ultra petita meta ordnat li jittneħħew ukoll il-qanniċ u l-vireg/ġebel fuq ir-rampa. Huwa minnu li l-premessi u t-talba ssemmi biss ix-xtieli iżda huwa minnu ukoll, kif jgħidu l-atturi appellati fir-risposta tagħhom, illi huma talbu mhux biss li jaqla' x-xtieli iżda wkoll li "jħalli l-istess passaġġ għal-liberu aċċess tal-attur."*"
>
> "*Ladarba l-ewwel Qorti irriżultalha l-molestja għall-pussess tal-attur kienet tinkludi wkoll il-qanniċ u l-ġebel u ladarba jirriżulta li dawn saru f'inqas minn sena qabel ma infetħet din il-kawża, din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-ewwel Qorti marret ultra petita meta ordnat speċifikatament li dawn jitneħħew, ladarba huwa bit-tneħħija tagħhom li l-atturi jistgħu jerġa jkollhom il-"liberu aċċess" kif mitlub minnhom*".

**65.** Issa fil-każ odjern l-ewwel Qorti estendiet l-ordni fir-rigward tat-tneħħija tal-vetturi/projbizzjoni milli jerġa' jipparkja l-vetturi, mhux biss minn quddiem il-garaxx in kwistjoni iżda wkoll minn quddiem it-taraġ tar-residenza sovrastanti tal-attriċi appellata, liema taraġ huwa adjaċenti għall-garaxx. Għalkemm din il-kawża ta' spoll ma tirrigwardax ir-residenza tal-attriċi appellata, iżda tirrigwarda invece l-garaxx sottostanti, bl-ipparkjar tal-vetturi quddiem it-taraġ tar-residenza awtomatikament qed jiġi mfixkel ukoll l-aċċess għall-garaxx in kwistjoni. Dan jidher ampjament ċar fir-ritratti LA9a u LA9c.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tiċħad l-appell interpost mill-konvenut appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess konvenut appellant u billi l-Qorti hi tal-fehma li l-appell tal-konvenut huwa wieħed vessatorju l-Qorti tikkundannah iħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb